Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 1/2013

**Nutar Dr John Debono (appellant)**

**Vs**

**L-Avukat Generali (appellat)**

31 ta' Ottubru, 2016.

1. L-appellant appella minn decizjoni tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili tat-3 ta' Ottubru, 2013 li biha sabet li l-appellant kien naqas milli jinsinwa hames atti fit-terminu kontemplat mil-ligi u kkundannatu jhallas ammenda ta' hamsin ewro (€50).

2. L-aggravji tal-appellant huma:

    i. Il-qorti ddikjarat li l-agir tieghu kien minhabba nuqqasijiet tieghu izda minhabba amministrazzjoni hazina li ggib hafna dewmien. L-appellant gie punit ghal xi haga li ma kellux kontroll fuqha.
    ii. Quddiem il-qorti l-appellat ma kkontestax l-appell. Ghalhekk il-qorti kellha l-obbligu li tilqa' l-appell u mhux tichdu.

3. L-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. **<u>L-Ewwel aggravju</u>** – m'huwiex kontestat li kien hemm hames (5) atti li gew insinwati wara t-terminu ta' hmistax-il jum kontemplati fl-artikolu 50 tal-Kap. 55. Fid-decizjoni l-qorti qalet li:

    *"Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza id-diffikultajiet li jiltaqghu maghhom in-nutara, u addetti taghhom bid-dewmien li jkun hemm meta jmorru biex ihallsu t-taxxa tal-boll u dik kapitali, fenomenu li ndubjament jirrikjedi mizuri amministrattivi biex dan id-dewmien jonqos u possibilment jigi eliminate, ma tqisx xorta wahda li din ir-raguni tista' tingieb bhala skuzanti jew skriminanti ghall-insinwar tardiv ta' atti nutarili bi ksur tal-Art. 50 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta.*

    *Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha thassar jew tvarja konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li hemm fl-imsemmi rapport tal-Ufficjal Revizur u ghalhekk tichad it-talba kontenuta fir-Rikors tan-Nutar Dottor John Debono, u konsegwentement tghaddi biex tikkonferma l-kontenut intier tal-istess Rapport kemm fis-*

*sejbien ta' ksur dixxiplinari xierqa li giet hemm suggerita u wara li rat l-art. 94B(4)(5) u (6), 131(4) u 50 tal-Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Tikkudanna lill-istess Nutar Dottor John  Debono bhala piena ghall-imsemmija infrazzjonijiet ghall-hlas tas-somma ta' hamsin Euro (€50) kalkolata bir-rata ta' ammenda ta' ghaxar Euro (€10) ghal kull wahda mill-hames (5) infrazzjonijiet riskontrati fl-istess Rapport."*

Ghal dak li jirrigwarda l-insinwar tal-atti, it-terminu ta' hmistax-il jum hu mandatorju. In-nuqqas ta' insinwar fit-terminu kontemplat mil-ligi jista' jkollu riperkussjonijiet serji ghall-partijiet. Fir-rikors promotur l-appellant ilmenta li l-insinwar kien tardiv ghaliex:

*"Illi ghal diversi snin kien qed jiltaqa' ma problema kull darba li jibghat l-iskrivan tieghu jew xi hadd iehor kompetenti skond il-ligi biex ihallas it-taxxa tal-boll u dik kapitali gewwa d-Dipartiment tat-Taxxi Interni l-Belt Valletta qabel ma jkun jista jdahhal l-Insinwi relattivi fir-Registru Pubbliku."*

Il-qorti tosserva li m'hemm l-ebda prova tal-hinijiet u granet meta l-addett tal-appellant mar id-Dipartiment tat-Taxxi sabiex ihallas dak li kien dovut fir-rigward tal-atti oggett ta' din il-kwistjoni. Hmistax-il gurnata m'huwiex perjodu qasir. Jekk kif qal l-appellant kien qieghed isib diffikulta sabiex ihallas dak li kien dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi qabel jinsinwa l-atti, allura kellu jiehu mizuri min-naha tal-ufficcju tieghu biex jizgura li l-atti in kwistjoni jigu nsinwati fiz-zmien. Irrispettivament ta x'seta kienu d-diffikultajiet li l-appellant kien qieghed jiltaqa' maghhom fid-Dipartiment tat-Taxxi, m'hemm l-ebda prova li l-appellant sab ruhu fl-impossibilta li jinsinwa l-atti fit-terminu stabbilit mil-ligi. Ghalhekk ukoll l-ilment tieghu m'huwiex gustifikat.

5. **__It-Tieni aggravju__** – dan l-aggravju hu fieragh. L-appellant m'ghamilx riferenza ghal xi disposizzjoni ta' ligi li tghid li jekk l-Avukat Generali ma jwegibx ghall-appell, allura l-appell ta' nutar ghandu jintlaqa'. Dan apparti li l-process fil-Qorti ta' Revizjoni tal-Att Nutarili beda fuq rapport tal-Ufficjal Revizur (24 ta' Lulju, 2013) li sar *ai termini* tal-Artikolu 94B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55). F'dik id-disposizzjoni hemm car u tond x'ghandu jsir meta nutar jikkontesta r-rapport tal-ufficjal revizur, kif sar f'dan il-kaz;

*"Meta n-nutar ikun kkontesta rapport jew parti minnu, il-Qorti għandha tikkonsidra s-sottomissjonijiet bil-miktub tan-nutar li jikkontestaw ir-rapport jew parti minnu u* ***__r-risposta tal-Avukat Ġenerali, jekk ikun hemm,__*** *u għandha tgħaddi sabiex b'digriet in camera tikkonferma jew ma tikkonfermax ir-rapporti tal-uffiċjal reviżur u, jew, tan-Nutar Prinċipali u għandha timponi fuq in-nutar l-pieni dixxiplinarji ta' twiddiba u ċanfira jew ammenda u tista' tagħti kull provvediment ieħor skont l-artikolu 124."* (artikolu 94B[5]).

Minn din id-disposizzjoni hu evidenti li l-qorti tiddeciedi a bazi tal-kaz li jkollha quddiemha rrispettivament jekk l-Avukat Generali jkunx wiegeb jew le.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.